MALTA

# COURT OF MAGISTRATES (MALTA)

# AS A COURT OF CRIMINAL JUDICATURE

## MAGISTRATE DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Sitting of the 10 th June, 2014

Number 260/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Usam Abdullahi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Usam Abdullahi ta' 19-il sena, iben il-mejjet Abdullahi u Lula Hassan Mohammed, imwieled is-Somalja nhar l-1 ta' Gunju 1995, residenti gewwa YMCA, detentur tal-karta tal-identita' numru 67959(A):

Talli f'dawn il-Gzejjer, fid-9 ta' Gunju 2014 u fil-gimghat ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Talli kkometta reat waqt li kien taht ordni (Kap 446 Art 22) moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D nhar il-25 ta' Marzu 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija, tordna lill-imputat sabiex ihallas lir-registratur, ta' l-ispejjes kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk ta' l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal ta' l-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat quddiem din il-qorti u li l-imputat ma kellux oggezjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tallum minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tallum fejn ghar-ragunijiet imsemmija kien hemm ordni ghal divjet tal-pubblikazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali ta' l-imputat.

Ma rrizultax li kien hemm xi hlas ta' esperti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a), 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 u l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sena (1) prigunerija u ghal multa ta' hames mitt Euro (€500), liema multa ghandha tithallas fi zmien sena minn meta l-hati jiskonta s-sentenza.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex il-hati jitpogga fil-YOURS.

Il-Qorti tordna wkoll d-distruzzjoni tad-droga u tal-affarijiet konnessi maghha li gew immarkati bhala Dok MB3 u MB4 taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Final Judgement >**

---------------------------------END--------------------------------